*sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u ġustifikati li jitolbuha sabiex tistħarreġ id-deċiżjoni ta' qorti jew tribunal tal-ewwel istanza, qorti tal-appell m'għandhiex tindaħal fl-apprezzament tal-provi li jkun sar minn dik il-qorti jew tribunal – jekk l-appellanta kif qiegħda tallega, investiet flus kbar fil-VRT Station, dan kellu jserviha sabiex hija tkun aktar rigoruża fir-responsabbilitajiet u fil-ħarsien tal-obbligi tagħha, iżda għandu jingħad li hija kellha ġġib prova ulterjuri tad-diliġenza tagħha għaliex bl-ebda mod il-fatt li investiet flejjes kbar jista' jittieħed bħala xhieda tad-diliġenza rikjesta mil-liġi*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 108/2019/1 LM

**Dr Annalisa Caruana (K.I. Nru 78895M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Transport Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Dr Annalisa Caruana (K.I. nru 78895M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta'

Jannar, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-intimata Transport Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata'] tal-14 ta' Ottubru, 2019 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] billi ddikjara li kien qiegħed "*jirrevoka parzjalment id-deċiżjoni appellata, u ċioé qiegħed jirrevokaha inkwantu:*

*1. l-infrazzjonijiet riskontrati taħt Kategorija A,*

*2. l-imposizzjoni ta' għoxrin (20) punti ta' penalità u l-multa amministrattiva ta' mitejn u għoxrin Euro (€220) abbinati ma' Partita numru 89, u*

*3. fejn ġie dikjarat li r-rikorrenti kisret Reglament 25 (b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15,*

*filwaqt li jikkonfermaha għall-bqija, inkluż il-multa amministrattiva ta' ħdax-il elf, sitt mija u sittin Euro (€11,660), l-imposizzjoni ta' elf u sittin (1060) punt ta' penalità u r-revoka tal-liċenzja ta' operatur b'mod immedjat.*

*Bl-ispejjeż in kwantu tliet kwarti a karigu tar-rikorrenti u kwart a karigu tal-Awtorità intimata".*

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellanta għandha f'isimha l-liċenzja sabiex topera l-*AG VRT Testing Station* [minn issa 'l quddiem 'il-*VRT Station*'] fi Triq is-Sriedak, Mosta. L-Awtorità appellata kienet wettqet diversi spezzjonijiet fix-xahar ta' Lulju 2019, fejn tgħid li kkonstatat numru ta' nuqqasijiet serji fl-operat tal-*VRT Station,* kif spjegati lill-appellanta permezz tal-ittra tal-14 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha ġiet revokata wkoll l-liċenzja tagħha b'effett immedjat, filwaqt li ġiet imposta fuqha penali ta' €11,880.

## Mertu

3. L-appellanta intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fit-30 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex iħassar u jirrevoka għalkollox dawk is-sanzjonijiet li ġew imposti fuqha mill-Awtorità appellata permezz tad-deċiżjoni appellata, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba sabiex fl-eventwalità din ma tintlaqax, allura jiġu ordnati sanzjonijiet inqas ħarxa, u dan bl-ispejjeż kontra l-imsemmija Awtorità appellata.

4. L-Awtorità appellata wieġbet fit-18 ta' Novembru, 2019 fejn filwaqt li ddikjarat li l-appell interpost kien wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt u kien saħansitra wieħed frivolu u vessatorju, sostniet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, korretta u skont il-liġi u għalhekk kienet timmerita konferma.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Ikkunsidrat:***
>
> *Illi n-nuqqasijiet riskontrati ġew maqsuma mill-Awtorità intimata f'ħames Kategoriji, u ċioé:*
>
> ***<u>Kategorija A – testijiet illi taw riżultat pożittiv f'ħin qasir</u>***
>
> *Illi mid-deċiżjoni appellata jirriżulta illi dan il-ħin ivarja bejn ftit inqas minn żewġ (2) minuti għal ħdax (11)-il minuta. Illi skont Montanaro il-kalkolu li għamlu l-uffiċjali tal-Awtorità intimata huwa wieħed żbaljat. Illi fl-*affidavit *tiegħu Joseph Mifsud*

*ikkonferma li l-testijiet kollha msemmija fid-deċiżjoni saru f'ħin qasir ħafna ad eċċezzjoni tal-każijiet tat-18 ta' Lulju 2019 li ammetta li fuqu kien hemm kalkolu ħażin da parti tal-Awtorità intimata. Mix-xhieda ta' George Farrugia u mid-dokumenti esebiti jirriżulta illi mill-inqas, VRT test, għandu jieħu mhux inqas minn għoxrin (20) minuta. (fn. 3 Dokument JM2 a fol. 142)*

*Illi t-Tribunal eżamina l-elenku esebit minn Montanaro a fol. 54 tal-process li minnu jirriżulta l-qari ta' numru ta' ħinijiet għal kull karozza indikata f'Kategorija A tad-deċiżjoni appellata. Minn dan l-elenku jirriżulta illi l-ħin indikat mill-Awtorità intimata huwa biss wieħed minn numru ta' ħinijiet li jirriżultaw mill-imsemmi elenku. Jekk wieħed jieħu pereżempju l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GIO 018 jirriżulta li l-Awtorità intimata ħadet bħala ħin li ġie kompletat it-test il-ħin ta' 08.53. Però mid-dokument a fol. 54 jirriżulta illi l-proċess tal-ittestjar mar oltre dak il-ħin. Biss biss jekk wieħed jara l-kolonna* "Photo Taken" *il-ħin huwa 08.49, u taħt il-kolonna* "Entered in database" *hemm il-ħin 08.59 u taħt il-kolonna* "Entered in VRT Computer" *hemm il-ħin 09.13. Illi dak li qal Montanaro fl-*affidavit *tiegħu fuq din il-kwisjtoni bl-ebda mod ma ġie kontradett mill-provi mressqa mill-Awtorità intimata. Għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi fuq Kategorija A l-Awtorità intimata kienet żbaljata meta qieset biss ħin wieħed, u ċioé dak imniżżel taħt il-kolonna* "Online" *u dan peress li r-rikorrenti, permezz tal-ispjegazzjoni li ta Montanaro, irnexxilha tipprova fuq bażi ta' probabilità li l-ħin ta' ittestjar kien itwal minn dak indikat fid-deċiżjoni appellata. Għalkemm l-istess ħinijiet elenkati minn Montanaro huma inqas minn dak li l-Awtorità tgħid, abbażi ta' studju xjentifiku, għandu jieħu kull test, jibqa' l-fatt li l-Awtorità intimata kienet żbaljata fil-kunsiderazzjoniet tagħha għal dak li għandu x'jaqsam il-ħin li vettura damet sakemm sarilha t-test jew ir-retest. Għaldaqstant l-infrazzjonijiet riskontrati taħt Kategorija A se jkunu qegħdin jigu revokati.*

***<u>Kategorija B u Ċ – vetturi li għaddew mill-VRT mingħajr ma sar it-test tad-dawl jew tal-emissjonijiet</u>***

*Illi skont id-deċiżjoni appellata, fit-23 ta' Lulju 2019 saru sitt (6) testijiet li taw riżultat pożittiv mingħajr ma sarilhom it-test tad-dawl jew tal-emissjonijiet. Montanaro jgħid illi dawn it-testijiet saru meta hu u r-rikorrenti kienu msefrin. Jispjega li fil-ġurnata in kwistjoni kien qed jopera l-istazzjon it-*tester *ċertu Jean Frans Gusman, li eventwalment ġie mkeċċi mix-xogħol mir-rikorrenti. Montanaro jisħaq li dawn in-nuqqasjiet irid iwieġeb għalihom it-*tester *u mhux l-operatur, tant li anke skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 il-punti ta' penalità iridu jiġu mposti fuq it-*tester *u mhux fuq l-operatur. Illi fil-verità l-Awtorità intimata ma ppenalizzatx lir-*

*rikorrenti qua operatur abbażi tal-Partita 15 u 25 tat-Tnax-il Skeda tal-imsemija Leġislazzjoni għaliex tali penali, kif qal Montanro, jistgħu jiġu mposti biss fuq it-*tester. *L-Awtorità intimata ġustament applikat Partita numru 93 tal-imsemmija Skeda fil-konfront tar-rikorrent, qua operatur, peress li ħareġ riżultat pożittiv meta t-test ma sarx kif suppost, u dan meta hija kellha r-responabbilità* ai termini *ta' Regolament 10 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 illi tara li t-testijiet isiru kif suppost. Di più* ai temini *tal-artikolu 10(1)(r) tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja, ir-rikorrenti, qua operatur, ma kellha, taħt l-ebda ċirkostanza toħroġ riżultat pożittiv sakemm ma jkunx sar test komplet.*

*Illi madankollu, dwar in-nuqqasijiet riskontrati f'Kategorija B u Ċ m'hemmx kontestazzjoni li dawn fil-fatt seħħew. L-uniku punt ta' diverġenza huwa li r-rikorrenti qiegħda tisħaq illi dawn wettaqhom it-*tester *u li għalhekk hi għandha tiġi meħlusa minn kull responsabbilità. Illi kif diġà ġie osservat hawn fuq, dan mhux il-każ. Filwaqt li r-rikorrenti tgħid li kienet imsiefra fil-ġurnata li saru t-testijiet, dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat b'xi dokumenti li juri dan il-fatt. Minn imkien ma jirriżulta illi fil-ġurnata in kwistjoni, u ċioé fit-23 ta' Lulju 2019, hija kienet imsiefra. Dan it-Tribunal lanqas ma għandu l-verżjoni tat-*tester *imsemmi, liema prova setgħet faċilment tipproduciha r-rikorrenti għad-difiża tagħha. Kwindi dan it-Tribunal se jkun qiegħed jikkonferma l-infrazzjonijiet riskontrati taħt Kategoriji B u Ċ.*

***Kategorija D – numru ta' vetturi ħarġilhom riżultat pożittiv meta l-*vehicle weight value *tħalla vojt jew mhux korrett***

*Illi l-Awtorità intimata ħarġet din id-deċiżjoni abbażi ta' eżami tar-rekords tat-testijiet li saru fit-23 ta' Lulju 2019. Mit-testijiet li saru dakinhar irriżultalha li sittax (16)-il vettura kellhom dan in-nuqqas, u ċioé jew il-piż mhux eżatt jew nieqes. Montanaro fix-xhieda tiegħu jispjega illi għalkemm kien hemm dawn in-nuqqasijiet, il-vetturi kollha kellhom is-sistema tal-brejkijiet tajba anke jekk din ġiet kalkulata manwalment jew il-piż tal-vettura ittieħed minn fuq il-*log book*. Montanaro jgħid li anke l-*UK MOT Manual*, li fuqu jridu jimxu t-*testers *Maltin, jistipula illi jekk is-sistema li tiżen il-vettura ma tkunx qiegda taħdem, wieħed jista' jieħu l-istess piż minn fuq il-*log book*.*

*Illi t-Tribunal jagħmel referenza għal Paragrafu 1 tar-Raba' Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 61.15 li minnha joħroġ illi l-piż ta' vettura irid jintiżen* ***b'mod komputerizzat****. Illi r-Regolamenti jipprovdu illi kalkolu manwali jista' jsir biss f'ċirkostanzi fejn ma jkunx possibbli li jsir mod ieħor bħal pereżempju meta vettura tant tkun kbira li ma tkunx tista' tittella' fuq l-apparat fl-istazzjon tal-VRT. Illi r-rikorrenti ma semmiet l-ebda episodju fejn irriskontrat din it-tip ta' diffikultà. In*

*oltre, Paragrafu 9 tar-Raba' Skeda jistipula illi l-passaġġ ta' testijiet,* ***li għandhom ikunu kompjuterizzati għal kollox, ghandhom ikunu tajba biex:***

• ***jittestjaw l-efficjenza tal-brejkijiet prinċipali, sekondarji u tal-ipparkjar rispettivament...."*** *(fn. 4 Enfasi tat-Tribunal)*

*Kwindi l-prattika li kienet qiegħda tiġi adoperata fl-istazzjon in kwistjoni kienet kontra l-istess Regolamenti tant illi kienet ilha żmien tinġibed l-attenzjoni tal-istess operatur da parti tal-uffiċjali tal-Awtorità intimata. (fn. 5 Ara xhieda ta' Vince Micalllef Pulé a fol. 129). Kien biss meta l-Awtorità intimata tat ordni biex jingħalaq l-istazzjon li ġiet irranġata s-sistema biex il-piż jibda jittieħed kif suppost. Illi t-test manwali jista' jidħol fis-seħħ biss jekk għal xi raġuni, momentarjament, is-sistema kompjuterizzata ma tkunx qiegħda taħdem u mhux li din tkun il-prattika tal-ġurnata. Huwa rrilevanti li bil-kalkolu manwali r-riżultat jista' jkun xorta li vettura tgħaddi. L-operaturi tal-istazzjonijiet tal-VRT ma jistgħux jagħżlu huma jekk jużawx sistema jew oħra iżda jridu jimxu ma' dak li tiddetta l-liġi.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal iqis illi r-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti għad-difiża tagħha ma jiġġustifikawx il-fatt illi dak li kien qiegħed isir kien kontra r-Regolamenti.*

***Kategorija E – sitt vetturi mogħtija riżultat pożittiv li però r-rapport tagħhom ma ġiex mogħti lill-uffiċjali tal-Awtorità intimata meta hekk mitluba***

*Montanaro jispjega illi dawn ir-rapporti ġew mgħoddija minnu, flimkien ma' rapporti oħra, lil George Farrugia meta ġie hekk mitlub. Min-naħa l-oħra George Farrugia jgħid li meta huwa talab l-istess rapporti waqt li kien qiegħed jagħmel spezzjoni dawn ma ngħatawlux. F'dan ir-rigward Montanaro esebixxa sett ta' rapporti li jagħmlu referenza għall-vetturi indikati f'Kategorija E, liema rapporti jinsabu esebiti minn fol. 113 sa fol. 118. (fn. 6 Tirriżulta diskrepanza fir-rigward tal-vettura numru GZV-357 stante li fir-rapport a fol. 113 din hija indikata bħala GBZ 347. Però jirriżulta illi dan jista' jkun żball meta ddaħħlu l-ittri tar-reġistrazzjoni fil-kompjuter)*

*Illi dawn ir-rapporti bl-ebda mod ma ġew kontradetti jew inħoloq xi dubju dwar l-awtentiċità tagħhom fil-kors ta' din il-kawża, u kwindi dan it-Tribunal filwaqt li jemmen li hu l-każ li l-istess rapporti kienu nieqsa meta l-uffiċjali tal-Awtorità intimata talab għar-rapporti tal-ġurnata partikolari, jirriżulta illi fil-fatt it-test kien sar regolarment. Però jibqa' l-fatt li l-istess ma ġewx mgħoddija tempestivament lill-Awtorità intimata. Illi t-Tribunal ma jara l-ebda raġuni għala l-uffiċjal George Farrugia kellu jgħid li dawn ir-rapporti ma ngħatawlux meta fil-fatt ingħatawlu. Lanqas ma jirriżulta illi x-xhieda tiegħu fuq dan il-punt ġiet b'xi mod attakkata.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li fuq dan il-punt, l-Awtorità intimata kellha raġun meta fid-deċiżjoni tagħha irrimarkat li ma ġewx mgħoddija lilha sitt (6) rapporti ta' testijiet ta' vetturi li saru fit-23 ta' Lulju 2019.*

*Għaldaqstant jirriżulta illi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata għandha tiġi konfermata għall-infrazzjonijiet riskontrati f'Kategoriji B, Ċ, D u E u ċioé nuqqas ta' testijiet tad-dawl, tal-emissjonijiet, nuqqas li jikkonċerna l-*brake efficiency *u wkoll nuqqas li jiġu mgħoddija sitt (6) rapporti meta hekk mitluba mill-uffiċjali tal-Awtorità intimata.*

*Illi t-Tribunal se jgħaddi issa sabiex jeżamina l-penali imposti fuq ir-rikorrenti.*

*L-Awtorità intimata imponiet elf u tmenin (1080) punti ta' penalità mqassmin kif ġej:*

| **Item** | **Offence** | **Points** |
|---|---|---|
| **88** | **Failure to keep records as required in regulation 26 (1)** | **50** |
| **89** | **Failure to send records and/or copies of test results to the Authority** | **20** |
| **90** | **Failure to issue duplicate test result when so requested** | **10** |
| **93** | **Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail test result should have been issued** | **1,000** |

*Illi skont Regolament 26(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-operatur għandu jżomm duplikat tan-notamenti li jirriferixxu għat-testijiet kollha li jkunu saru fl-istazzjon tiegħu. Illi mill-provi jirriżulta illi meta l-uffiċjal tal-Awtorità intimata talab numru ta' rapporti mingħand it-*tester, *dawn ma ġewx mogħtija lilu kollha. Madankollu fil-mori ta' dawn il-proċeduri dawn ġew esebiti. Kwindi ma jirriżultax illi dawn ma sarux. Madankollu kien biss f'dawn il-proċeduri li l-istess rapporti ġew esebiti meta dawn riedu jkunu* available *għall-ispezzjoni tal-Awtorità intimata malli titlobhom. Għalhekk il-punti ta' penalità* ai termini *ta' Partita 88 u 90 qegħdin jiġu konfermati.*

*Illi l-Awtorità intimata imponiet ukoll għoxrin (20) punt ta' penalità* ai termini *ta' Partita 89 li tiġi inflitta fuq operatur f'każ li jonqos li jibgħat notamenti u/jew kopji ta' riżultati tat-test lill-istess Awtorità. Illi minn imkien ma joħroġ illi ma ġewx mibgħuta xi riżultati lill-Awtorità intimata. Għaldaqstant dawn il-punti ta' penalità imposti qegħdin jiġu revokati.*

*Illi l-Awtorità intimata imponiet elf (1000) punt ta' penalità* ai termini *ta' Partita 93 stante li rriżulta li kien hemm mill-inqas sitt (6) vetturi li ma sarilhomx it-test kif suppost però xorta inħarġilhom riżultat pożittiv. Illi tali punti ta' penalità jolqtu kemm lit-*tester *u kemm lill-operatur. Illi kif intqal iktar 'il fuq il-fatt li inħareġ test pożittiv b'dawn in-nuqqasijiet ma ġiex kontestat mir-rikorrenti. Dak li r-rikorrenti tikkontesta hu li hija ma kinitx Malta u għalhekk ma kellhiex kontroll fuq dak li seta'*

*wettaq it-*tester *impjegat minnha. Illi dan il-fatt waħdu ma joffri l-ebda skuża għar-rikorrenti. Jekk hija ma setgħetx tissorvelja adegwatament dak li kien qiegħed jiġri fl-istazzjon, allura setgħet tagħlaq l-istazzjon sakemm tkun imsiefra. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti ma fehmitx biżżejjed l-import ta' liċenzja ta' operatur u l-obbligi li l-istess iġġib magħha. Kwindi jirriżulta li hija ma eżerċitatx dik id-diliġenza neċessarja imposta fuqha minn Regolament 10 (1) (a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 li jesiġi li operatur ta' stazzjon tal-VRT għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri ta' testijiet kondotti fl-istazzjon. Għaldaqstant l-elf (1000) punt ta' penalità qegħdin jigu konfermati.*

*Kwindi t-Tribunal iqis illi elf u sittin (1060) punt ta' penalità għandhom jiġu konfermati filwaqt li għoxrin (20) punt ta' penalità għandhom jiġu revokati. Dan ifisser li* ai termini *tal-artikolu 21(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 ir-rikorrenti trid ukoll tħallas multa amministrattiva ta' ħdax-il elf, sitt mija u sittin Euro (€11,660).*

*Illi għalhekk, wara li t-Tribunal qies il-provi kollha prodotti, huwa tal-fehma illi r-rikorrenti, qua operatur, kisret l-obbligi tagħha* ai termini *tal-artikolu 10(1) (a), (j) u (r) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Illi fid-deċiżjoni appellata, l-Awtorità intimata issemmi wkoll li r-rikorrenti kisret Regolament 25 (b). Madankollu dan ir-Regolament jirrigwarda nuqqasijiet li jammontaw għal reat kriminali u,* ai termini *tal-istess Regolament, hija l-Qorti biss li tista' timponi l-piena tar-revoka tal-liċenzja ta' operatur u mhux l-Awtorità innifisha. Madankollu, l-Awtorità intimata għandha dritt tirrevoka liċenzja ta' operatur kemm* ai termini *tar-Regolament 24(1) u kif ukoll* ai termini *tar-Regolament 11(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Filwaqt li* ai termini *tar-Regolament 24(1) tali revoka tista' ssir biss jekk il-punti ta' penalità imposti ikun ta' elfejn (2000) punt jew iżjed,* ai termini *tar-Regolament 11(5) l-Awtorità tista' f'kull ħin, u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni għall-operat ta' stazzjon għat-testijiet billi tagħti lill-operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir. Illi mid-deċiżjoni appellata jirriżulta illi l-Awtorità intimata irtirat l-awtorizzazzjoni de quo bis-saħħa proprju tal-aħħar ċitat Regolament. Illi għalhekk dan it-Tribunal irid jeżamina jekk dak li rriżultalha l-Awtorità setgħax raġonevolament iwassal għall-irtirar ta' tali liċenzja b'effett immejdat.*

*Illi ir-rikorrenti,* qua *operatur, fl-ebda ħin ma ppruvat lil dan it-Tribunal liema miżuri tieħu biex twettaq bl-aħjar mod possibbli l-obbligi minnha assunti biex topera l-istazzjon tal-*VRT de quo. *Fil-fatt hija xehdet illi għalkemm hija għandha l-liċenzja ta' operatur, huwa Montanaro li* "jieħu ħsieb kollox". *Illi t-Tribunal jirrileva illi l-liċenzja ta' operatur iġġorr magħha responsabbilità kbira u l-obbligi li ġġorr magħha*

*jirrikjedu li l-operatur ikun* "hands on" *fuq l-operat. Mhix kwistjoni li wieħed sempliċement ikollu liċenzja fuq ismu u mbagad iħalli f'idejn ħaddieħor. It-Tribunal jirrileva illi l-eżami tal-vetturi jsir proprju biex, fost affarijiet oħra, jiġu evitati inċidenti fit-toroq tagħna dovuti għal difetti fl-istess vetturi. Kwindi r-responsabbilità li għandhom l-operatur u t*-tester *mhijiex waħda frivola u huwa għalhekk li jeżistu s-sanzjonijiet previsti mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Nuqqas jew negliġenza tal-operatur u/jew it*-tester *jista' jwassal għal konsegwenzi serji ħafna jew addirittura fatalitajiet.*

*Illi għalhekk, għalkemm f'din id-deċiżjoni qegħdin jiġu revokati xi partijiet tal-istess, jibqa' l-fatt li għadd ta' vetturi,* ***f'ġurnata waħda biss****, ma sarilhomx it-test kif suppost, hu fatt li fih innifsu huwa* ***gravi ħafna****. Dan iwassal lil dan it-Tribunal biex jikkondividi ir-raġunament tal-Awtorità intimata meta, wara li qieset dak kollu li kellha quddiemha, iddeċidiet li tirtira l-licenzja ta' operatur tar-rikorrenti b'effett immedjat filwaqt li ħadet anke passi kontra t*-tester *konċernat. Illi biex jirnexxielu jiskolpa ruħhu mill-għemil ta'* tester *impjegat miegħu, id-diliġenza adoperata minn operatur trid tkun ferm iktar rigoruża minn dik ppreżentata quddiem dan it-Tribunal. Minn dak li fehem it-Tribunal, ir-rikorrenti ma kinitx taf twieġeb għall-infrazzjonijiet riskontrati mill-Awtorità intimata u kien biss it*-tester *impjegat fl-istess stazzjon, u ċioé Montanaro li wieġeb għall-istess. Filwaqt li dan it-Tribunal jifhem li l-materji diskussi jistgħu ikunu tekniċi, tal-inqas ir-rikorrenti kellha turi lil dan it-Tribunal il-mod adoperat minnha biex l-obbligi mposti fuqha bil-liċenzja ta' operatur twettaqhom kif suppost."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-8 ta' Frar, 2021 fejn qiegħda titlob sabiex din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellata. L-aggravji tagħha huma (a) it-Tribunal ma kienx korrett fl-evalwazzjoni teknika tiegħu; (b) fil-jum li seħħew bosta mill-infrazzjonijiet fit-23 ta' Lulju, 2019, hi u Adrian Montanaro kienu msiefrin; u (ċ) is-sanzjoni hija għalkollox drakonjana u esaġerata.

7. L-Awtorità appellata wieġbet fid-19 ta' Frar, 2021 fejn qiegħda ssostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti, u dan filwaqt li tissottometti li l-appell interpost huwa għalkollox infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-Awtorità appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ma kienx korrett fl-evalwazzjoni teknika tiegħu]*

9. L-appellanta tikkontendi li t-Tribunal kien skorrett meta għamel l-evalwazzjoni teknika tiegħu. Tgħid li dan joħroġ ċar meta wieħed iqabbel l-*affidavit* u x-xhieda dettaljata u teknika ta' Adrian Montanaro mal-allegati infrazzjonijiet li dwarhom xehdu l-addetti tal-Awtorità. Tissuġġerixxi li t-Tribunal kif kompost ma kienx jifhem f'kwistjonijiet tekniċi bħal dawk odjerni, u għalhekk meta jinqalgħu dawn il-kwistjonijiet, huwa kien qed jiġbed il-linja tal-Awtorità appellata. L-appellanta tistieden lil din il-Qorti sabiex tikkonsidra dak li qalu l-addetti tal-Awtorità fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija minnha, u tgħid li kwistjoni teknika għandha tiġi mistħarrġa minn min jifhem fejn il-Qorti jkollha diffikultà.

10. L-Awtorità appellata tilqa' billi tgħid li kuntrarjament għal dak li qiegħda tallega l-appellanta, wieħed mill-membri tat-Tribunal huwa persuna teknika u mhux legali. Anzi hija proprju l-appellanta li l-professjoni tagħha hija dik ta' nutar, li ma tifhem assolutament xejn fit-testijiet tal-VRT u li tħalli kollox f'idejn is-sieħeb tagħha Adrian Montanaro, li kellu l-liċenzja ta' operatur revokata mill-Awtorità appellata qabel ma din ħaditha l-appellanta. L-appellata tkompli tgħid li għall-kuntrarju t-Tribunal għamel analiżi fil-fond u tajba ta' kull waħda mill-ħames kategoriji ta' infrazzjonijiet u sab li l-infrazzjonijiet f'erba' minn dawk il-kategoriji kienu ġew ippruvati.

11. Qabel ma tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju, l-Awtorità appellata tinsisti fuq prinċipju, li fil-każ odjern fejn il-Qorti qiegħda mill-ewwel tqis li s-sottomissjonijiet tal-appellanta huma tassew frivoli u xejn konvinċenti, għandu rilevanza ferm siewja u tikkonsidra li għandu jiġi applikat kontra l-appellanta. L-Awtorità appellata ssostni li hawnhekk f'dan l-appell ma jirriżultawx l-elementi neċessarji sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal, fejn ċaħad l-aggravji tal-appellanta. Il-Qorti tkompli tispjega li sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u ġustifikati li jitolbuha sabiex tistħarreġ id-deċiżjoni ta' qorti jew tribunal tal-ewwel istanza, hija m'għandhiex tindaħal fl-apprezzament tal-provi li jkun sar minn dik il-qorti jew tribunal. Meta tippreżenta l-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tallega li t-Tribunal għamel evalwazzjoni teknika skorretta u li dan kif inhu kompost ma jifhimx f'kwistjonijiet tekniċi. Imma l-imsemmija appellanta tieqaf hemm, mingħajr ma tispjega kif u fejn fil-fehma tagħha t-Tribunal kien skorrett. Fin-nuqqas tagħha, l-appellanta ma tistax tippretendi li

għandha tkun din il-Qorti li tfittex sabiex tikkostatata mhux biss jekk, iżda saħansitra wkoll fejn hemm l-allegata evalwazzjoni teknika skorretta fis-sentenza appellata. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas tagħha, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni li tiġġustifika l-indħil tagħha fl-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal.

*It-tieni aggravju:* *[fil-jum li seħħew bosta mill-infrazzjonijiet fit-23.07.19, hi u Adrian Montanaro kienu msiefrin]*

12. It-tieni aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-assenza allegata minn Malta tagħha u tal-'*manager*' tal-*VRT station* tagħha fil-ġurnata tal-allegati infrazzjonijiet. Tgħid li t-Tribunal kien wasal għall-konklużjoni li ma kien jirriżulta minn imkien li dakinhar l-appellanta kienet imsiefra u li hija kienet dovuta tipproduċi l-persuna jew *tester* li hija kienet qiegħda tallega kien il-kaġun tal-għawġ u l-inkwiet tagħha. Dwar dan il-punt, l-appellanta tissottometti li l-Awtorità appellata ma kinitx imxekkla b'xi mod milli tipproduċi lil din il-persuna bħala xhud, liema persuna wara kollox it-Tribunal messu fehem li hija miegħu ma xtaqet l-ebda affari. Tirrileva li l-Awtorità appellata kienet saħansitra ħadet passi amministrattivi kontra l-imsemmi *tester* u dan il-fatt kien juri min kien għamel il-ħażin. L-appellanta tkompli tgħid li hekk kif kienet indunat b'dak li kien ġara, hija kienet ħadet miżuri immedjati billi ma ħallietux jaħdem aktar magħha.

13. L-Awtorità appellata ssostni li fil-fatt l-ebda prova ma ġiet prodotta li l-appellanta kienet siefret flimkien mal-'*manager*' tagħha. Tgħid li l-appellanta

ma kellhiex issiefer, jekk dan kien minnu, flimkien mal-'*manager'* li f'idejh hija kienet ħalliet l-operat, peress li hija ma kienet tifhem xejn. L-Awtorità appellata tirrileva li l-obbligi tal-appellanta skont il-liġi kienu ta' *strict liability,* u kien jinkombi fuq l-operatur li lilu tkun inħarġet il-liċenzja mingħandha li jipprova li huwa kien eżerċita l-għaqal u d-dehen kollu possibbli biex jara li dawk l-obbligi imposti fuqha permezz tar-regolament 10 tal-L.S. 65.15 jiġu mħarsa. Hawnhekk l-Awtorità appellata tagħmel riferiment għal sentenza tat-Tribunal tal-15 ta' April, 2019[1], u tgħid li l-insenjament fir-rigward tad-diliġenza li għandha tiġi applikata mill-operatur, kien japplika fil-każ odjern ukoll.

14. It-Tribunal ikkonsidra l-allegazzjoni tal-appellanta li hija kienet imsiefra fil-ġurnata li saru l-infrazzjonijiet allegati fit-23 ta' Lulju, 2019, u bla tlaqliq ta' xejn iddikjara li din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma ġiet sostanzjata permezz ta' dokument. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal u tikkonsidra li dan in-nuqqas ta' prova ma ġiex ikkontestat min-naħa tal-appellanta, kif bl-istess mod hija mhijiex qiegħda tikkontesta r-responsabbiltà tagħha taħt ir-regolament 10 tal-L.S. 65.15 u l-applikazzjoni tal-Partita numru 93 tat-Tnax-il Skeda tal-istess L.S. 65.15.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li dan it-tieni aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u tiċħdu.

[1] Rik. nru 45/17CG, Motor Tests Services Limited u Anne Marie Grech *vs.* Transport f'Malta.

*It-tielet aggravju:* *[is-sanzjoni hija għalkollox drakonjana u eżagerata]*

16. L-appellanta tinstab ukoll aggravata bis-sanzjoni li ġiet imposta fuqha, u tispjega li dan tgħidu fid-dawl tal-fatt li hija kienet spjegat kważi kull nuqqas riskontrat u li dak li seħħ ġara ħtija ta' ħaddieħor. Tirrileva wkoll li hija kienet nefqet l-eluf fil-*VRT Station* u s-sanzjoni tkun tassew waħda sproporzjonata jekk ma tiġix revokata.

17. L-Awtorità appellata tispjega li t-Tribunal applika l-punti penali kif previsti fit-Tnax-il Skeda tal-L.S. 65.15. Tkompli tispjega li r-revoka tal-liċenzja mbagħad saret abbażi ta' Regolament 11(5) ta' L.S. 65.15, fejn it-Tribunal għamel analiżi fil-fond tal-kwistjoni, u tgħaddi sabiex tiċċita dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal fisser il-konsiderazzjonijiet tiegħu.

18. Il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tal-appellanta. Minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta li bla dubju ta' xejn it-Tribunal daħal sew fil-fond ta' dawk li kienu l-obbligi tagħha bħala operatur, u anki qies tajjeb ferm fejn hija kienet naqqset milli tonora dawk l-obbligi tagħha. Għalhekk it-Tribunal ikkonsidra wkoll l-iskuża tagħha li hija ma kinitx hawn Malta dakinhar li l-Awtorità appellata kkonstatat id-diversi nuqqasijiet u b'hekk hija ma kellha l-ebda kontroll fuq it-*tester.* Iżda kif sewwa rrileva t-Tribunal, din mhix skuża tajba sabiex l-appellanta tiġi eżonerata mill-obbligi tagħha. Kif irritjena b'mod xieraq it-Tribunal, hija setgħet għalqet il-*VRT Station* sakemm damet imsiefra fl-eventwalità li ma setgħetx tissorvelja b'mod adegwat dak li kien qed jiġri. It-Tribunal, u din il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma tiegħu, irrileva li l-appellanta ma fehmitx sew x'kienet tfisser għaliha liċenzja ta' operatur u l-

obbligi li din kienet iġġib magħha. Ikompli jgħid li minn dan kollu rriżulta li l-appellanta ma kinitx eżerċitat id-diliġenza kif rikjesta mill-para. (a) tas-subregolament 10(1) tal-L.S. 65.15 li jgħabbi lill-operatur bir-responsabbilità tal-proċeduri ta' testijiet kondotti. B'hekk il-Qorti tgħid li tajjeb għamel it-Tribunal meta ddikjara li l-appellanta għandha tħallas il-penali ta' €11,660.

19. Imbagħad it-Tribunal għadda sabiex eżamina jekk dak li rriżulta lill-Awtorità appellata setax b'mod raġonevoli jwassal għad-deċiżjoni sabiex titneħħa l-liċenzja mill-ewwel. Il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma tajbin u ġusti u għalhekk qiegħda tagħmilhom tagħha. It-Tribunal ikkonsidra li l-appellanta naqset milli turi x'kienu l-miżuri li hija ħadet sabiex twettaq bl-aħjar mod l-obbligi tagħha fil-ġestjoni tal-*VRT station.* It-Tribunal qies li hija kienet qalet li kien Adrian Montanaro li kien jieħu ħsieb kollox, u dan meta l-obbligi li ġġorr magħha l-liċenzja kienet tirrikjedi li l-operatur ikun *"hands on"* fuq l-operat u osserva li r-responsabbilità ta' dik il-liċenzja hija waħda kbira u huwa proprju għalhekk li hemm is-sanzjonijiet previsti mil-L.S. 65.15.

20. Il-Qorti hawnhekk tikkonsidra dak li tgħid l-appellanta, jiġifieri li dak li seħħ ma kienx imputabbli lilha iżda lil terz, u tgħid li l-appellanta ma tistax daqstant faċilment tiskansa r-responsabbilità u l-obbligi tagħha skont kif imposti fuqha mil-ligi. Kif sewwa jirrileva t-Tribunal, l-operatur għandu juri diliġenza ferm aktar għolja sabiex jeħles mill-għemil ta' *tester* li jkun impjegat minnu. Hawnhekk it-Tribunal osserva li saħansitra f'ġurnata waħda biss, għadd ta' vetturi ma kienx sarilhom it-test kif suppost, u dan fil-fehma tiegħu kien fatt gravi ħafna. Meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, it-Tribunal iddikjara li huwa

kien qed jaqbel mad-deċizjoni appellata. Għal dawk l-istess raġunijiet imfissra mit-Tribunal, il-Qorti taqbel mas-sentenza appellata u ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed minnha. Tagħlaq billi tgħid li jekk l-appellanta kif qiegħda tallega, investiet flus kbar fil-*VRT Station,* dan kellu jserviha sabiex hija tkun aktar rigoruża fir-responsabbilitajiet u fil-ħarsien tal-obbligi tagħha, iżda għandu jingħad li hija kellha ġġib prova ulterjuri tad-diliġenza tagħha għaliex bl-ebda mod il-fatt li investiet flejjes kbar jista' jittieħed bħala xhieda tad-diliġenza rikjesta mil-liġi.

21. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx dan l-aħħar aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tiċħad it-talbiet tal-appellanta.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**